

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1093/2014

tas-16 ta' Ottubru 2014

**li jemenda u jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ċerti kuluri fil-ġobon misjur imħawwar**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) Il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel ġiet stabbilita abbażi tal-addittivi tal-ikel permessi għall-użu fl-ikel skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE<sup>(3)</sup>, id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE<sup>(4)</sup> u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE<sup>(5)</sup> u wara r-reviżjoni tal-konformità tagħ-hom mal-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Il-lista tal-Unjoni tinkludi l-addittivi tal-ikel abbażi tal-kategoriji tal-ikel li jistgħu jiż-żiedu magħhom.
- (4) Minħabba d-diffikultajiet preżenti matul it-trasferiment tal-addittivi tal-ikel għas-sistema l-ġdidha ta' kategorizzazzjoni prevista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-użu ta' kuluri tal-ikel permessi fċertu ikel tħalla barra minn dik il-lista, billi fdak iż-żmien ma kienet ipprovduta ebda informazzjoni dwar l-użu u l-ħtieġa li jintużaw il-kuluri tal-ikel f'għobon misjur imħawwar, bħall-ġobon bil-pesto aħdar u aħmar, ġobon wasabi u ġobon imraħħam aħdar bil-ħnejjex aromatiċi.
- (5) Fit-2 ta' April 2013 tressqet talba għall-korrezzjoni tal-lista tal-Unjoni biex l-użu ta' kumplessi tar-ram tal-klorofilli u l-klorofillin (E 141) u estratt tal-paprika, tal-kapsantin, tal-kapsorubin (E 160c) jkompli u għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-koċineal, l-aċidu karminiku, il-karminji (E 120) u l-annatto, il-biksin, u n-norbiksin (E 160b) fċertu ġobon misjur bit-togħma miżjud u saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (6) Il-koċineal, l-aċidu karminiku, il-karminji (E 120) u l-annatto, il-biksin, u n-norbiksin (E 160b) bħalissa huma approvati għall-użu fċerti ġobnijiet misjura. L-istess ħtieġa teknoloġika ġiet identifikata wkoll għall-użu tal-koċineal, tal-aċidu karminiku, u tal-karminji (E 120) fil-ġobon bil-pesto aħmar u tal-annatt, tal-biksin, u tan-norbiksin (E 160b) f'għobon bil-pesto aħmar u aħdar.
- (7) L-approvazzjonijiet attwali biex jintużaw il-koċineal, l-aċidu karminiku, il-karminji (E 120) u l-annatt, il-biksin, u n-norbiksin (E 160b) iqis u d-dożi aċċettabbli ta' kuljum (ADI) stabbiliti mill-Kumitat Xjentifiku tal-ikel, fl-1983 u fl-1979 rispettivament.
- (8) Il-ġobnijiet bil-pesto aħmar u aħdar jirrappreżentaw volum żgħir tas-suq tal-ġobon globali. Mhuwiex mistenni li l-awtorizzazzjoni tal-użu tal-koċineal, tal-aċidu karminiku, u tal-karminji (E 120) fil-ġobon bil-pesto aħmar u tal-annatt, tal-biksin, u tan-norbiksin (E 160) fil-ġobon bil-pesto aħmar u aħdar sejkollha impatt sinifikanti fuq l-espożizzjoni totali għaż-żewġ kuluri.

<sup>(1)</sup> ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (ĠUL 237, 10.9.1994, p. 3).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel (ĠUL 237, 10.9.1994, p. 13).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE tal-20 ta' Frar tal-1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa (ĠUL 61, 18.3.1995, p. 1).

- (9) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel biex ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħliet meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-koċineal, tal-aċidu karminiku, tal-karminji (E 120) fil-ġobon bil-pesto aħmar u tal-annat, tal-biksin, u tan-norbiksin (E 160b) fil-ġobon bil-pesto aħmar u aħdar tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq saħħet il-bniedem, ma hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel.
- (10) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-İkel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO*

## ANNESS

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-kategorija tal-ikel 1.7.2 “Ġobon misjur” hija emendata kif ġej:

- (1) l-entrata għal E 120 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 120	Il-Koċineal, l-Aċidu Karmi-niku, il-Karminji	125	(83)	Ġobon imraħħam aħmar u ġobon bil-pesto aħmar biss”
--	--------	--	-----	------	--

- (2) l-entrata għal E 141 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 141	Komposti tar-ram tal-kloro-filli u l-klorofillini	<i>quantum satis</i>		Ġobon ta' Derby bis-salvja, ġobon bil-pesto aħdar u aħmar, ġobon wasabi u ġobon imraħħam aħdar biss”
--	--------	---	----------------------	--	--

- (3) l-ewwel entrata għal E 160b li tispeċifika l-livell massimu ta' 15 mg/l jew mg/kg tinbidel b'dan li ġej:

	“E 160b	L-Annatt, il-Biksin, in-Nor-biksin	15		Ġobon misjur oranġjo, ġobon isfar u abjad miksur, u ġobon bil-pesto aħmar u aħdar biss”
--	---------	------------------------------------	----	--	---

- (4) l-entrata għal E 160c tinbidel b'dan li ġej:

	“E 160c	Estratt tal-paprika, il-kapsantin, il-kapsorubin	<i>quantum satis</i>		Ġobon misjur oranġjo, ġobon isfar u abjad miksur, u ġobon bil-pesto aħmar biss”
--	---------	--	----------------------	--	---